# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta**
**Tmienja (8) ta' Ottubru 2024**

**Rikors Numru 2561/2000FDP**

Fl-ismijiet

**Ivan Formosa**

**Vs**

**John Pisani**

**U**

**Frans Ghirxi**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 5 ta' Diċembru 2000 li permezz tiegħu r-rikorrenti talab is-segwenti:

*Peress illi l-attur Ivan Formosa jigi ħu Joseph Formosa li nqatel fil-Qawra f Diċembru 1999.*

*Peress illi l-konvenut John Pisani bħala awtur u l-konvenut Frans Ghirxi bħala editur tal-ġurnal "l-Orizzont" ippubblikaw rapport intestat "Il-qtil makabru fil-Qawra - Mhix eskluża t-teżi tal-prostituzzjoni" fil-ħarġa ta' l-10 ta' Diċembru 1999 tal-ġurnal "l-Orizzont".*

*Peress illi l-konvenuti attribwew lill-mejjet Joseph Formosa fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.*

*Peress illi b'din il-kitba l-konvenuti inġurjaw it-tifkira ta' Joseph Formosa u l-ġieh tiegħu, u kwindi ta' l-attur, ħuh.*

*Peress illi l-attur huwa intitolat għad-danni għall-inġurja morali u malafama a tenur tal-Liġi dwar l-Istampa.*

*Peress illi l-attur huwa wkoll intitolat għad-danni naxxenti minn reat, u fil-fatt huwa ppreżenta lill-Pulizija kwerela kontra ż-żewġ konvenuti a tenur ta' l-artikolu 252, 255 u 256 tal-Kap. 9 u ta' l-Artikolu 11 tal-Kap. 248.*

*Jgħidu l-konvenuti għaliex din il-Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-konvenuti taw malafama lill-mejjet Joseph Formosa u offendew it-tifkira tiegħu billi attribwewlu fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu, jew li jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.*

2. *Tillikwida d-danni a tenur u fil-parametri ta' l-artikolu 28 tal-Kap. 248 kif ukoll id-danni naxxenti mir-reat ta' malafama skond l-artikoli 1031 u 2154 tal-Kap. 16.*

3. *Tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat illi fil-5 ta' Frar 2001 il-konvenut Frans Ghirxi laqa' għal dak mitlub billi qajjem is-segwenti difiża:

    1. *Illi l-attur m'għandux locus standi f'dina l-kawża u għalhekk l-eċċipjent għandu jiġi liberat bl-ispejjeż kontra l-attur.*

    2. *Illi bla preġudizzju għal dan, l-esponent, qua editur, permezz tar-reporter ta' esperjenza tiegħu, l-konvenut l-ieħor, wassal lill-qarrejja aspetti tal-investigazzjoni tal-Pulizija u dana in eżerċizzju tad-diritto di cronaca.*

    3. *Illi, manifestament, hu nieqes kull animus injuriandi.*

    4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi.*

3. Rat illi fil-5 ta' Frar 2001 il-konvenut John Pisani laqa' għal dak mitlub billi qajjem difiża identika għal dik ta' Frans Ghirxi.

**Provi**

4. Rat illi fis-seduta tat-28 ta' Frar 2001, l-avukati tal-partijiet trattaw dwar il-kwistjoni tal-improponibilita' tal-azzjoni u tal-interess ġuridiku tal-attur.

5. Rat illi fl-istess seduta tat-28 ta' Frar 2001, l-attur talab illi jagħmel nota ta' sottomissjonijiet ulterjuri dwar dawn iż-żewġ punti proċedurali.

6. Rat illi b'digriet datat 28 ta' Frar 2001, il-Qorti, kif diversament komposta, laqgħet it-talba tal-attur.

7. Rat illi fis-6 ta' April 2001, l-attur ippreżenta n-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu (fol 21-26).

8. Rat illi ngħatat sentenza preliminari fit-22 ta' Novembru 2001, minn din il-Qorti kif diversament komposta (fol 31-37). Illi permezz tagħha, l-Qorti ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari mressqa minn kull wieħed mill-imħarrkin bħala mhix imsejsa fil-liġi, billi intwera li l-attur għandu interess ġuridiku meħtieġ biex imexxi din il-kawża.

9. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fis-16 ta' Ġunju 2003, kontenenti l-affidavit tiegħu (fol 46-50).

10. Rat il-kopja tax-xhieda mogħtija fis-seduta tal-25 ta' Frar 2004 mill-attur fil-kawża numru 2560/2000 fl-ismijiet *Ivan Formosa vs Sharon Spiteri et* (fol 52-54).

11. Rat in-nota ppreżentata mill-attur fit-2 ta' Ġunju 2004 u rat id-dokumentazzjoni annessa magħha (fol 56-57).

12. Rat ix-xhieda tal-attur Ivan Formosa mogħtija fit-2 ta' Ġunju 2004 (fol 58-59).

13. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2004 il-konvenuti talbu illi l-provi mressqa fl-atti taċ-ċitazzjoni 2560/2000 jitqiesu sa fejn relevanti fl-atti ta' din il-kawża wkoll.

14. Rat illi fis-seduta tat-2 ta' Ġunju 2004 l-attur iddikjara li ma fadallux provi oħrajn xi jressaq.

15. Rat ix-xhieda tas-Supretendent Martin Bayliss mogħtija fis-17 ta' Marzu 2005 (fol 64-67).

16. Rat ix-xhieda tal-Ispettur Christopher Pullicino mogħtija fis-17 ta' Marzu 2005 (fol 68-70).

17. Rat ix-xhieda tal-konvenut John Pisani mogħtija fis-17 ta' Marzu 2005 (fol 71-72).

18. Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2005 il-konvenuti ddikjaraw illi ma fadlilhomx provi iżjed xi jressqu.

19. Rat ix-xhieda tal-konvenut John Pisani mogħtija fis-6 ta' Ġunju 2006 (fol 81-82).

20. Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2006 il-Qorti, kif diversament komposta, ddikjarat magħluq l-istadju tal-provi.

21. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mill-attur fit-30 ta' Awwissu 2006 (fol 83-85).

22. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet ippreżentata mill-konvenuti fil-27 ta' Settembru 2006 (fol 89-91).

23. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ottubru 2006 il-Qorti kif diversament komposta, ħalliet il-kawża għas-sentenza.

24. Rat in-nota ta' osservazzjonijiet responsiva tal-attur għan-nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti ppreżentata fit-30 ta' Ottubru 2006 (fol 93-95).

25. Rat illi fl-4 ta' Marzu 2024 l-attur ippreżenta rikors fejn ai termini tal-Artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 4(3) tal-Kap 319, talab lill-Qorti tibgħat il-kwistjoni quddiem Qorti diversament presjeduta sabiex jiġi dikjarat u deċiż illi l-attur kien vittma ta' vjolazzjoni mwettqa mill-Qorti tal-garanzija ta' smigħ xieraq fi żmien raġonevoli msemmija fl-Artikolu 6(1) tal-Kostituzzjoni u fl-Artikolu 4(1) tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex jingħata rimedju u kumpens xieraq.

26. Rat illi fil-21 ta' Marzu 2014 l-attur ippreżenta rikors fejn talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza sabiex din ma tingħatax fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2024 u tordna riferenza kostituzzjonali lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) diversament presjeduta. Illi f'dan ir-rikors l-attur talab li ssir referenza għall-konstatazzjoni tal-vjolazzjoni tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni minħabba dewmien eċċessiv.

27. Rat illi b'digriet mogħtija fis-26 ta' Marzu 2024 il-Qorti kif diversament presjeduta laqgħet l-ewwel talba u ħalliet il-kawża għall-kontinwazzjoni għas-26 ta' April 2024 biex tinstema' minn Qorti diversament komposta.

28. Rat illi l-kawża odjerna ġiet assenjata lil din il-Qorti, hekk komposta fit-22 ta' April 2024.

29. Rat illi l-Qorti appuntat il-kawża għat-trattazzjoni fit-3 ta' Ġunju 2024.

30. Rat illi fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 l-avukat difensur tal-konvenuti għarrfet lill-Qorti illi da parte tal-intimati qed jistrieħu fuq il-provi li hemm.

31. Rat illi fit-3 ta' Ġunju 2024, din il-Qorti, in vista tat-trapass taż-żmien, ħasset illi kien importanti illi tingħata sentenza mill-aktar fis possibbli.

32. Rat illi għalhekk, fis-seduta tat-3 ta' Ġunju 2024 il-kawża tħalliet għas-sentenza.

**Fatti tal-każ**

33. Jirriżulta illi l-ħu l-attur Joseph Formosa kien ġie maqtul f'Diċembru tas-sena 1999 ġewwa l-Qawra.

34. Jirriżulta illi l-konvenut John Pisani bħala l-awtur tal-artiklu u l-konvenut l-ieħor Frans Ghirxi bħala editur tal-ġurnal intitolat "L-Orizzont" kienu ppublikaw rapport li jġib it-titolu *"Il-qtil makabru fil-Qawra - Mhix eskluża t-teżi tal-prostituzzjoni"*, liema rapport kien ġie ppublikat fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 1999.

35. Jirriżulta illi skont l-istess attur, il-konvenuti kienu attribew lil ħuh il-mejjet fatti determinati bi skop li joffendu l-unur u l-fama tiegħu jew li jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

36. Jirriżulta wkoll illi l-attur qiegħed permezz tal-kawża odjerna jallega illi b'din il-kitba l-konvenuti nġurjaw it-tifkira u l-ġieh ta' ħuh Joseph Formosa.

37. Jirriżulta illi l-attur isostni illi huwa intitolat għal danni għall-inġurja morali u malafama a tenur tal-Liġi dwar l-Istampa, Kap 248 tal-Liġijiet ta' Malta.

38. Jirriżulta illi l-attur isostni illi huwa intitolat ukoll għal danni naxxenti minn reat u jallega illi ġiet ippreżentata kontra l-konvenuti kwerela lill-Pulizija ai termini tal-Artikolu 252, 255 u 256 tal-Kap 9 u tal-Artikolu 11 tal-Kap 248.

## Ikkunsidrat

### Meritu tal-każ

39. Jirriżulta illi l-pern tal-kwistjoni odjerna hija msejsa fuq il-fatt illi l-attur qiegħed jallega illi l-pubblikazzjoni tal-artiklu u tar-rapport ippublikat fil-ġurnal "L-Orizzont" fl-10 ta' Diċembru 1999 intitolat "*Il-qtil makabru fil-Qawra - Mhix eskluża t-teżi tal-prostituzzjoni"* fejn kien ġie rraportat mill-konvenuti l-qtil ta' ħuh Joseph Formosa huwa malafamanti u joffendi t-tifkira, l-unur u l-fama ta' ħuh kif ukoll jesponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

40. Għaldaqstant fl-azzjoni in deżamina, l-Qorti għandha l-kompitu illi tistħarreġ jekk dak allegat mill-attur huwiex minnu jew le u f'każ illi jirriżulta illi saret tabilħaqq malafama, tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

41. Illi fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva illi l-attur qiegħed isejjes l-ilment tiegħu fuq artiklu partikolari li kif diġa' ngħad kien ġie ppublikat fil-ġurnal "L-Orizzont" fl-10 ta' Diċembru 1999.

42. Infatti fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega s-segwenti:

> *"Din il-kawża għamiltha minħabba dak li ġie ppublikat mill-ġurnal "The Times" fil-ħarġa tat-8 ta' Diċembru 1999 fir-rapport "Man found dead in bed with 13 stab wounds", li kien miktub minn Sharon Spiteri u ppublikat mill-editur Victor Aquilina, kif ukoll dak li ġie ppubblikat mill-ġurnal "L-Orizzont" fil-ħarġa tal-10 ta' Diċembru 1999 fir-rapport "Il-qtil makabru tal-Qawra - Mhix eskluża t-teżi tal-prostituzzjoni" li kien miktub mill-konvenut John Pisani u ppublikat mill-editur Frans Ghirxi.*
>
> *Fl-imsemmija rapporti ntqalu ħwejjeġ li joffendu t-tifkira ta' ħija Joseph. Dawn ir-rapporti għamel ħsara lir-reputazzjoni ta' ħija Joseph u ddiżonorah wara mewtu. Min kien responabbli ppublika affarijiet li mhumiex veri mingħajr ma kellu l-ebda provi. Ħija, billi issa huwa mejjet, ma jistax jiddefendi r-reputazzjoni tiegħu, u għalhekk qed issir din il-kawża minni sabiex niddefendi l-ġieh tiegħu wara mewtu".*
>
> (fol 47).

43. Il-Qorti tinnota illi r-rikorrenti permezz ta' nota datata 2 ta' Ġunju 2004 jippreżenta kopja tal-artiklu mertu tal-kawża (fol 56-57). In oltre, fit-2 ta' Ġunju 2004 l-attur kien xehed fejn huwa jispjega illi l-artiklu eżebit permezz ta' nota ppublikat fl-10 ta' Diċembru 1999 huwa dak:

> *"li fuqu hija bbażata l-azzjoni tiegħi kontra l-imsemmi ġurnal"* (fol 58).

Huwa jgħid ukoll illi:

> "*wara illi l-avukat tiegħi qrali xi partijiet mill-imsemmi artiklu, ngħid illi dawk il-partijiet huma l-partijiet ewlenien illi jiena nħoss illi bl-imsemmi artiklu jiena ġejt inġurjat"* (fol 58).

Huwa jkompli jgħid:

> *"Irrid ngħid illi hekk kif rajt l-imsemmi artiklu dak in-nhar stess illi ħarġet il-gazzetta, kelli reazzjoni ta' dardir kbir u nuqqas ta' kwiet u ili ħames snin ma nista' norqod. Ngħid ukoll illi minħabba l-fatt li ssemmew fl-istess artiklu kelli nabbanduna ħafna affarijiet tal-familja apparti il-mistħija li jiena u marti ġarrabna anke biex nidhru quddiem ċertu nies u ħbieb li jafuna. Żammejt ħafna quddiem għajnejja ukoll x'setgħu kienu qed jgħidu n-nies dwari fuq dak illi nkiteb rigward ħija. L-imsemmi artiklu ukoll affetwani fuq ir-rendiment tax-xogħol tiegħi. Imnalla għandi żewġ ħaddiema oħra li jaħdmu miegħi 'l għaliex sibt l-appoġġ tagħhom u għinuni fit-tmexxija tax-xogħol tiegħi huma. Marti u uliedi ukoll kellhom jieħdu ħafna paċenzja b'dak illi ġrali"* (fol 58-59).

44. Il-Qorti tosserva illi sfortunatament ma hemmx imniżżel fit-traskrizzjoni tax-xhieda tal-attur hawn fuq riportata dawk il-partijiet mill-artiklu illi l-avukat tal-attur qara lill-istess attur waqt ix-xhieda tiegħu illi skont l-istess attur huma dawk il-partijiet ewlenin illi bihom iħossu inġurjat.

45. Madanakollu, l-Qorti tirrileva illi b'ħarsa għall-istess artiklu ppreżentat mill-attur stess, li jinsab a fol 57 tal-proċess, hemm partijiet mill-artiklu illi huma evidenzjati bil-lewn blu. Dawn huma s-segwenti: *"Mhix eskluża t-teżi ta' prostituzzjoni", "Il-Pulizija mhux teskludi l-fatt li l-delitt jinvolvi ċ-ċirku ta' prostituzzjoni ta' omosesswalita", "Għalkemm il-vittma kien magħruf li jissellef flus minn fuq l-idejn".*

46. Sabiex il-Qorti tagħmel l-analiżi tagħha jekk dawn il-frażijiet għandhomx jiġu meqjusa bħala malafamanti, referenza ser issir għall-provi prodotti.

47. Illi fl-affidavit tiegħu l-attur jsostni illi:

> *"Jiena kont naf illi ħija kellu problemi serji ta' natura familjari, matrimonjali u anke finanzjarji sa minn tliet (3) snin qabel ma ġie maqtul. Fl-aħħar tliet xhur ta' ħajtu, meta sirt naf li l-problemi aggravaw, kont sibtlu avukat ta' fiduċja. F'dawn l-aħħar tliet xhur ta' ħajtu, Joseph kien jidher, kif tħares lejh, li hu marid u imħasseb. Kien iġiblek ħasra. Għal din ir-raġuni, jiena konvint illi t-teżi ta' parties, omosesswalita' u prostituzzjoni hija assolutament bla ebda bażi.*
>
> *Jiena lil Konrad Friggieri sirt nafu meta ħija Joseph introduċieni miegħu bħala ħabib u mhux bħala boyfriend tiegħu. B' kollox iltqajt miegħu tliet darbiet separati. Qatt ma wera tendenzi omosesswali u meta kellimtu dejjem tkellimna dwar il-problemi matrimonjali li kellu ħija. Ma kelli l-ebda raġuni biex nemmen li Konrad Friggieri kellu xi relazzjoni ma' ħija.*

*Fil-jum li hija nstab maqtul, jiena rċevejt telefonata mingħand Konrad Friggieri. Huwa qalli li l-mara li kellha ħanut tal-grocer maġenb l-appartament ta' ħija Joe kienet ċemplitlu u qaltlu li l-ġirien kien mħassbin għaliex ma rawx lil Joe fl-aħħar ġranet. Kien qalli li hu kellu ċ-ċavetta jekk jiena rrid immur miegħu ħalli jiftaħ.*

.........

*Wara l-funeral ta' ħija Joseph, kellimt lil mara tiegħu (li ġiet biss il-Knisja). Din kienet l-ewwel darba li kont kellimtha wara l-ewwel tarbija tagħhom, tmintax -il sena ilu. Hija qalet li xtaqet tkellimni, u allura jiena mort niltaqa' magħha r-Rabat. Hija bdiet tagħmel enfasi kbira fuq kemm kienet kburija bil-familja tagħha u li Joseph kien l-ewwel imħabba u li kienet tħobbu ħafna. Qaltli wkoll li kien omosesswali. Jiena mill-ewwel staqsejtha jekk dak li ġie ppublikat fil-gazzetta huwiex ta' unur għaliha u għal uliedha. Qaltli wkoll li ġurnalista ta' "In-Nazzjoni" staqsiha għar-ritratt ta' Joseph u hi tatulhom.*

*Jiena għidt bejni u bejn ruħi li hija ħaġa ferm stramba li taċċetta raġel omosesswali u rnexxielha jkollha ħamest itfal minnu minkejja l-periklu ta' sexually transmitted diseases li bosta omosesswali jintqal li jittieħdu minn dan il-mard.*

*Matul din it-taħdita ma' martu, ikkonfermajt li Joseph u hi kellhom dejn serju (li jien kont ġia naf bih) fuq iż-żewġ 'loans' li kien ħa mal-banek u għamel ipoteka fuq id-dar tiegħu. Martu qaltli li xi impjegati kienu marru d-dar tagħha biex ikunu jistgħu jikkapparaw id-dar jekk ma jitħallasx dan il-'loan'. Mart Joseph kienet toqgħod f'din l-istess dar mal-ħabib tagħha u ma' wlied Joseph.*

*Joseph kien jaħdem ma' kumpannija tax-shipping li kien ġie impjegat magħha meta kellu tmintax-il sena peress li z-ziju tagħna, ħu ommu, kien direttur bin-nofs. Illum iz-ziju mejjet u x-shares waqgħu fuq martu. Lil Joe z-ziju kien tah share fil-kumpannija. Id-direttur maniġerjali ta' din il-kumpannija kien deher li ma kellux pjaċir li kien ser jibqa' jaħdem hemm. Dan kien qaluli hu stess meta kont iltqajt miegħu tliet snin qabel ma' miet ħija. Difatti, lil Joseph kien neħħieh minn direttur tal-kumpannija u naqqaslu mitt lira (Lm 100) fix-xahar mis-salarju tiegħu. Il-kumpannija ma ħarġet l-ebda dividend għal dawk it-tliet snin, u iktar minn hekk, kien ordnalu biex ma jagħmel l-ebda xogħol li għandu x'jaqsam mal-kumpannija, u dan mingħajr ma tah raġuni.*

*B'hekk Joe sab ruħu fi problema finanzjarja kbira u fi stat ta' ħasra. Hekk kien jikkonferma kull min kien jarah dak iż-żmien.*

....

*Jiena dak li qalu ma naċċettahx bħala espressjoni sinċiera għaliex l-allegazzjoni dwar omosesswalita' kienet falza u waħda li tiżvija u t-tifkira ta' ħija tissewwa biss meta jiġi dikjarat li l-konvenuti taw malafama u offendew il-memorja ta' ħija b'allegazzjoni li kienet u għadha falza".*

(fol 47-50).

48. Referenza ser issir issa għax-xhieda mogħtija mir-rikorrenti fis-seduta tat-22 ta' Ottubru 2003 fil-kawża numru 2560/2000 fl-ismijiet: *Ivan Formosa vs Sharon Spiteri et* fejn l-istess attur jgħid illi:

*"L-uġiegħ ta' ras u d-dardir illi jiena qed ngħid li qed inħoss kuljum ġej mill-fatt illi ġie żvijat il-qtil ta' ħija. Qiegħed jistaqsini jekk dan li qed inħoss huwiex marbut mal-fatt jekk ħija kienx omosesswali jew le liema ħaġa jiena sirt nafha wara l-episodju, ir-raġuni għaliex jiena qed inħoss dan li nħoss imma minħabba l-fatt illi rabtu dik l-allegazzjoni mal-fatt ta' qtil nikkonferma illi kienet mart ħija illi wara l-funeral tiegħu kienet allegat li hu kien omosesswali".*

49. Fl-istess xhieda l-attur ġie mistoqsi jekk kienx qrib ħuh Joseph Formosa u l-attur jispjega illi ta' spiss kien iżomm kuntatt miegħu. Magħdud ma' dan huwa jispjega wkoll illi :

*"mbgħad wara xkien jagħmel ma kontx inkun miegħu jiena fil-fatt kif għidt aktar qabel kont inwasslu jien bil-karozza d-dar" .*

50. Referenza ser issir għax-xhieda mogħtija mir-rikorrenti fis-seduta tal-25 ta' Frar 2004 fejn l-istess attur jgħid illi:

*"B'riferenza għal mistoqsija li għadha kemm saritli u jiġifieri dwar liema parti mill-artikolu muri fil-ġurnal In-Nazzjoni Tagħna tal-10 ta' Diċembru 1999 jiena qiegħed inressaq l-oġġezzjonijiet tiegħi u l-meritu ta' din il-kawża ngħid illi jiena noggezzjona għal dak kollu li fih l-artikolu msemmi mill-bidu sat-tmiem tiegħu.*

*Nispjega illi jiena sirt naf fl-artikolu meta rajt il-kartellun tal-ġurnal ta' dak in-nhar stess fejn kien indikat illi hija kien inqatel minn ħabib. Għadni ngħid illi l-iktar parti tal-artikolu illi ħassejtni offiż kienet dik il-parti fejn tissemma illi hija kien involut f'xi relazzjoni.*

*Qiegħed niġi mitlub mill-avukat Zammit Maempel biex nindika liema parti ta' l-artikolu jsemmi dan u qiegħed nindika illi l-parti tal-artikolu li fiha tissemma relazzjoni qiegħda ... fil-kolonna tal-imsemmi artikolu.*

.....

*Meta mbagħad rajt l-artikolu li deher fil-ġurnal in-Nazzjoni Tagħna fejn issemma mottiv u fejn ukoll intużat il-kelma relazzjoni allura hemm hekk imbagħad ħassejt illi kien qed jerġa' jsir azzjoni ħażina fil-konfront ta' ħija u li anke affettwat lili personalment.*

*Kienet ukoll intużat il-frażi, dakinhar illi deher l-artikolu fin-Nazzjoni Tagħna jiġifieri fl-10 ta' Diċembru 1999 kien ukoll deher artikolu fl-Orizzont illi b'żieda ma' dak illi kien ingħad fl-artikli l-oħrajn kien qal ukoll illi jew tefa' kliem fis-sens illi hija seta' kien involut f'xi att ta' prostituzzjoni"*

(fol 52-54).

51. Illi fis-seduta tas-17 ta' Marzu 2005 xehed is-Supretendent Martin Bayliss fejn spjega illi huwa kien wieħed mill-uffiċjali investigaturi fil-każ tal-qtil ta' Joseph Formosa iżda issa l-każ ma għadux f'idejh u għadda f'idejn l-Ispettur Chris Pullicino. Hu jispjega wkoll illi l-investigazzjoni għadha għaddejja.

52. Illi dakinhar xehed ukoll l-Ispettur Christopher Pullicino u jikkonferma illi l-investigazzjoni għadha għaddejja, In oltre, huwa jgħid ukoll:

*"Dr Yana Micallef Stafrace: Issa, napprezzaw li dawn l-investigazzjonijiet li għadhom għaddejjin u forsi li tista' tgħidilna hu ristrett imma x'tista' tgħidilna forsi fuq l-investigazzjoni kurrenti?*

*Xhud: Rigward l-investigazzjoni ma xtaqtx nitkellem.*

*Qorti: Inti għandek ċertu dover li ma tiżvelax iktar minn kemm ...*

*Xhud: Ibda biex, ma naħsibx li nkun leali lejn Qorti diversament presjeduta, il-Qorti inkwerenti għaliex il-PV għadu miftuħ.*

*Dr Yana Micallef Stafrace: Mela trid nerġa' nurik l-artikolu, for what it's worth.*

*Dr Joseph Zammit Maempel: Spettur, jiġifieri jekk jiena nagħmillek id-domanda f'din il-forma u tara inti tistax, jekk ngħidlek li waħda mill-pisti li intkom investigajtu jew li għadkom tinvestigaw hija konnessa ma' l-omosesswalita', għal din tista' tweġibni?*

*Xhud: Nikkonferma iva, din. Li waħda mill-pisti li ġiet investigata mhux minni imma minn ta' qabli għax f'dan l-istadju, jien għadni ma bdejtx inkellem nies fuqu pero' għadni qed nistudja l-każ ta' x'ġara u ma ġarax; iva, in-nies ta' qabli investigaw u waħda minnhom kienet dik il-pista".*

(fol 69-70).

53. Illi fl-istess seduta tas-17 ta' Marzu 2005, xehed ukoll il-konvenut John Pisani fejn jsostni illi:

*"Xhud: Jiena kont kellimt mas-sorsi tiegħi u kienu fehmuni illi l-pulizija qegħdin jinvestigaw fuq waħda mit-teżi tal-omosesswalita' u ħdimt fuq hekk.*

*Dr Yana Micallef Stafrace: Jiġifieri jekk qed nifhmek sew, inti dak li għandek mitkub f'dak l-artiklu, inti ħdimt fuq sorsi fuqu jiġifieri?*

*Xhud: Sorsi tiegħi, iva.*

*Dr Yana Micallef Stafrace: U sorsi, x'tip ta' sorsi jiġifieri? Mhux qed ngħidlek għidli eżatt min huma, imma qrib il-pulizija?*

*Xhud: Iva, qrib il-pulizija.*

*Qorti: Inti semmejt Sur Pisani, l-omosesswalita'? L-artiklu qed jitkellem fuq il-possibilita' ta'....*

*Xhud: Forsi mhux teskludi l-omosesswalita'.*

*Qorti: Pero' l-artiklu...*

*Xhud: Prostituzzjoni ta' l-omosesswalita".*

(fol 71-72)

54. Il-konvenut John Pisani jerġa' jixhed fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2006 fejn ikkonferma illi:

*"L-informazzjoni li tissemma' fl-artiklu ġibtha minn sorsi qrib il-Pulizija. Qiegħed jiġi ndikat lili illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien irrilaxxa dikjarazzjoni illi tiċħad illi l-pulizija rrilevaw xi informazzjoni. Jiena nibqa' ntenni pero' illi dak illi jiena ktibt fl-artiklu kien fil-fatt mogħti minn sorsi qrib il-pulizija. Is-sorsi qrib il-pulizija semmewli mhux biss il-pista ta' l-omosesswalita' imma kienet waħda mis-sorsi jew pisti li kienu qegħdin jiġu segwiti. Il-pisti l-oħrajn issemmewli b'mod ġenerali.*

*Preċiżament ma ssemmewli l-ebda pisti oħrajn pero' la darba kien qiegħed jiġi mistħarreġ qtil jew delitt, allura kienu qegħdin jindagaw fuq il-pisti kollha possibli.*

*Mistoqsi biex ngħid xi prekawzjonijiet ħadt fuq dan it-tagħrif mogħti lili mis-sorsi qrib il-pulizija qabel ma deher l-artiklu in kwistjoni ngħid illi jiena kkonfermajt ma' żewġ sorsi oħrajn li kkonfermawli li tassew kien dak li qed jiġri. Qabel ma' l-artiklu deher fil-gazzetta, jiena għaddejtu lill-editur, lill-konvenut jiġifieri lil Frans Ghirxi. Sorsi oħra li jiena magħhom ikkonfermajt dak it-tagħrif li jiena kont ksibt minn għand sorsi oħra qrib il-pulizija, nikkonsidrahom ukoll sorsi oħrajn qrib il-pulizija".*

(fol 81-82).

55. Ta' min wieħed jagħmel ukoll referenza għan-nota ta' osservazzjonijiet tal-attur fejn ġie argumentat illi:

*"Kulħadd jifhem x'iġifieri "it-teżi ta' l-omosesswalita'". Iżda l-vittma Joseph Formosa, ma kellu l-ebda 'boyfriend'. Min kiteb hekk kellu joffri apoloġija mill-bidunett.*

*Il-konvenuti qegħdin jimplikaw li l-vittma kien iffrekwentat mill-irġiel:*

*"... mhix eskluża t-teżi tal-prostituzzjoni"*

....

*l-Ispettur Chris Pullicino li xehed f'din il-kawża qal li waħda mill-pisti investigati mill-Pulizija kienet tikkonċerna attivita' omosesswali tal-mejjet-ħaġa li hija gidba. Dan l-ispettur ġie ċċensurat mill-attur għaliex żvela tagħrif tal-Pulizija. Meta ġie mistoqsi domandi oħra dwar il-każ f'sede penali, l-Ispettur Pullicino qal li mhux prudenti u ma jistax jiżvela tagħrif tal-Pulizija!! Daqstant aġixxa bla sens l-Ispettur Chris Pullicino.*

.....

*Peress li l-Pulizija qatt ma ħarġu stqarrija pubblika biex jiċħdu jew joġġezzjonaw dwar il-kontenut ta' dawn l-artikoli f'ġurnali ewlenin, l-impressjoni li ngħatat hija li l-Pulizija aċċettaw dak kollu li nktieb f'dawn il-ġurnali, u l-ġurnalisti servew bħala portavuċi tal-pulizija".*

(fol 84-85)

**Ikkunsidrat**

56. Kif huwa delineat hawn fuq, l-attur isostni illi l-konvenuti mmalafamaw lil ħuh il-mejjet Joseph Formosa u offendew it-tifkira, l-unur u l-fama ta' ħuh kif ukoll esponuh għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku minħabba l-fatt illi fl-artiklu ppubblikat fl-10 ta' Diċembru 1999 huma kienu kitbu illi l-pulizija mhix teskludi l-fatt li l-delitt jinvolvi ċ-ċirku ta' prostituzzjoni ta' omosesswalita' u li l-vittma kien magħruf li jissellef flus minn fuq l-idejn.

57. Mill-qari tal-artiklu in kwistjoni, l-Qorti tqis illi l-kontenut tal-artiklu ma hu bl-ebda mod inġurjuż jew li jiddiżrispetta t-tifkira u l-unur tal-persuna, iżda fih il-ġurnalist, ossia l-konvenut John Pisani, kif spjegat anke minnu stess, kien kiteb dan l-artiklu a bażi tal-informazzjoni illi kien ġab mis-sorsi tiegħu. Huwa jispjega illi s-sorsi tiegħu, li huwa jikkonferma illi huma sorsi qrib il-pulizija, kienu semmewlu illi waħda mit-teżi li kienet qiegħda tiġi investigata kienet dik relatata mal-omosesswalita'. Illi b'hekk dak l-artiklu kien riflessjoni tat-tagħrif illi huwa kien qed jingħata mis-sorsi tiegħu.

58. Illi b'referenza għall-frażi *"il- vittma kien magħruf li jissellef flus minn fuq l-idejn"* il-Qorti tinnota illi l-kumplament tal-frażi tkompli b'dan il-mod:

    *"u kellu dejn ma' diversi persuni, il-Pulizija mhux tibbaża l-investigazzjonijiet tagħha li l-qtil sar minħabba f'hekk tant li d-dejn li kellu Formosa ma kienx xi wieħed fenomenali. Dan sar magħruf wara li l-Pulizija tkellmu kemm mal-mara li kellu l-vittma qabel ma sseparaw kif ukoll mal-qraba u persuni fejn kien jaħdem ma' kumpanija tax-shipping"* (fol 57).

59. Barra minn hekk, il-Qorti tosserva illi fl-affidavit tiegħu stess, l-attur isemmi illi ħuh kellu problema kbira finanzjarja*:*

    *"B'hekk Joe sab ruħu fi problema finanzjarja kbira u fi stat ta' ħasra. Hekk kien jikkonferma kull min kien jarah dak iż-żmien".*

60. In oltre, l-Qorti tirrileva wkoll illi fid-dawl tal-provi prodotti, l-attur stess fl-affidavit tiegħu jistqarr illi wara l-mewt ta' ħuh kien iltaqa' mal-mara ta' ħuh fejn kienet qaltlu illi ħuh kien omosesswali:

> *"Hija bdiet tagħmel enfasi kbira fuq kemm kienet kburija bil-familja tagħha u li Joseph kien l-ewwel imħabba u li kienet tħobbu ħafna. Qaltli wkoll li kien omosesswali. Jiena mill-ewwel staqsejtha jekk dak li ġie ppublikat fil-gazzetta huwiex ta' unur għaliha u għal uliedha".*

61. Barra minn hekk, fl-istess affidavit ir-rikorrenti jsemmi lil ċertu Konrad Friggieri u jgħid illi ħuh Joseph kien introduċih lilu bħala l-ħabib tiegħu. Huwa jsemmi wkoll kif l-istess Konrad Friggieri kellu ċ-ċavetta tal-appartament ta' ħuh Joseph u kif mara li kellha ħanut tal-*grocer* biswit l-appartament ta' ħuh kienet ikkuntattjat lil dan Konrad Friggieri meta ħu l-attur ma kienx tfaċċa għal diversi ġranet.

62. Għaldaqstant, fil-kawża in deżamina l-attur stess minn jeddu fl-affidavit tiegħu jafferma illi l-mara ta' ħuh qaltlu illi ħuh Joseph Formosa kien omosesswali. Il-Qorti tqis illi l-artiklu ma kellu xejn li jista' jiġi kkunsidrat bħala imprudenti u malafamanti. Anzi l-Qorti tazzarda tgħid illi dak mistqarr mir-rikorrenti fl-affidavit tiegħu, jista' jitqies bħala affermazzjoni illi l-pista li kien qiegħed isegwi l-konvenut Pisani konnessa mal-omosesswalita' kienet waħda li kienet timmerita illi tiġi segwita. Infatti l-Ispettur Christopher Pullicino waqt ix-xhieda tiegħu jikkonferma illi waħda mill-pisti investigati kienet dik tal-omosesswalita':

> *"Dr Joseph Zammit Maempel: Spettur, jiġifieri jekk jiena nagħmillek id-domanda f'din il-forma u tara inti tistax, jekk ngħidlek li waħda mill-pisti li intkom investigajtu jew li għadkom tinvestigaw hija konnessa ma' l-omosesswalita', għal din tista' tweġibni?*
>
> *Xhud: Nikkonferma iva, din. Li waħda mill-pisti li ġiet investigata mhux minni imma minn ta' qabli għax f'dan l-istadju, jien għadni ma bdejtx inkellem nies fuqu pero' għadni qed nistudja l-każ ta' x'ġara u ma ġarax; iva, in-nies ta' qabli investigaw u waħda minnhom kienet dik il-pista".*

63. Il-Qorti, filwaqt illi tifhem illi l-artiklu in kwistjoni inkiteb fis-sena 1999 u li maż-żmien ikun hemm tibdil fil-mod kif is-soċjeta' taħseb, xorta ma tistax tqis illi dak miktub fl-artiklu imsemmi għandu jiġi kkunsidrat bħala malafamanti u li joffendi t-tifkira u l-unur ta' persuna jew li tesponih għar-ridikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku.

64. Fl-affidavit tiegħu l-attur jsostni illi l-ħsara li kkawżaw il-konvenuti hija li:

> *"(1) taw malafama lill-memorja jew reputazzjoni ta' ħija Joseph u ddiżonorawh wara mewtu u (2) wara r-rappurtar sensazzjonali tagħhom, għalqu l-bibien ta' l-investigazzjoni dwar id-delitt, qishom il-'portavoce' tal-Korp tal-Pulizija"* (fol 49).

65. Il-Qorti tħoss illi ġialadarba l-azzjoni attriċi hija msejsa fuq l-allegazzjoni illi l-konvenuti huma responsabbli għall-malafama fil-konfront ta' ħu r-rikorrenti u ġialadarba mill-provi prodotti ma jissussistix illi l-artiklu in kwistjoni kien wieħed

malafamanti, l-konvenuti ma jistgħux jitqiesu responsabbli għall-ħsara allegata mill-attur.

66. Il-Qorti tqis illi l-artiklu *de quo*, bl-ebda mod ma jinsulta jew jiddiżonera l-memorja ta' Joseph Formosa iżda kien jikkonsisti f'tagħrif lill-pubbliku dwar l-investigazzjoni li kienet qiegħda ssir mill-pulizija. Il-konvenut Pisani *qua* ġurnalist investigattiv u Frans Ghirxi *qua* l-editur tal-ġurnal "L-Orizzont" li fih ġie ppublikat l-artiklu in kwistjoni kienu qegħdin jaqdu d-dmirijiet tagħhom ta' ġurnalisti ġewwa pajjiż demokratiku.

67. Fl-ottika ta' dan il-Qorti ser tgħaddi sabiex tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet ***Joseph Mangion vs Reverendu Noel Grima bħala editur tal-ġurnal 'The Malta Independent'***[1] fejn il-Qorti tgħid is-segwenti:

> *"Id-dritt tal-individwu għar-reputazzjoni u unur tiegħu tikkostitwixxi l-limitazzjoni li timponi l-Liġi tal-Istampa fuq il-liberta' tal-espressjoni. Il-Qorti tal-Appell fil-każ fl-ismijiet "Vincent Borg vs Victor Camilleri et" - (A.C. 15 ta' Novembru 1994. - LXXVIII.II.I.372.), esprimiet dan il-prinċipju fis-sens li jeħtieg li jinżamm bilanċ bejn "il-bżonn li s-soċjeta` demokratika jitħalla spazju suffiċjenti għal-liberta` li wieħed jikkritika u li jsemmi l-opinjoni u l-ġudizzju tiegħu, mal-bżonn l-ieħor, xejn anqas meħtieġ, tad-difiża tar-reputazzjoni, l-unur, l-isem tajjeb, li kull persuna f'soċjeta` demokratika għandu kull dritt li jgawdi".*
>
> *Tali tagħlim ġie perfezzjonat mill-Qorti tal-Appell li kienet qiegħda tisma' l-każ "L-Avukat Dr. Louis Galea vs Joe Mifsud," fejn, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Frar 2012 żiedet tgħid li "ġurnalizmu investigattiv għandu jingħata ampja protezzjoni f'soċjeta' demokratika, anke jekk ċerti allegazzjonijiet jiġu miċħuda minn dak milqut, il-ġurnalist dejjem jibqagħlu d-dritt li jinvestiga u jistħarreġ fuq allegazzjoni anke jekk tibqa' allegazzjoni mhux pruvata kif trid il-Liġi. F'dak li jsir ġurnalizmu investigattiv serju, anke meta jirriżulta żball ġenwin, jista' wkoll ikun tollerat.*
>
> ......
>
> *Kif ġie deskritt mill-awturi Robertson QC u Nicol QC fil-ktieb "Media Law" (4th ed.) (pag.80) "The 'defamatory test' is variously described as lowering the claimaint in the estimation of right-thinking people generally" u jsostnu li "The law of libel can be activated only when a false statement actually damages a reputation. An assertion is not defamatory simply because it is untrue - it must lower the victim in the eyes of right thinking citizens.*
>
> ....
>
> *"Fil-kawża Galea v. Mifsud fuq rapportat, intqal a propożitu li: "meta Qorti tkun rinfaċċjata b'ġurnaliżmu verament investigattiv u responsabbli dwar materja ta' interess pubbliku, hija għandha tagħti marġini u l-attitudni mill-aktar wiesgħa lil min ikun kiteb jew ippubblika dak il-materjal fl-eżami ta' jekk kumment ikunx wieħed fair o meno (ara eż. Victor Pace v. Joe Azzopardi*

[1] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-28 ta' Novembru 2013- Ċit. Numru: 158/1999/1

*et, Qorti tal-Appell /6/2004); u wieħed jista' jmur oltre u jgħid ukoll li meta si tratta ta' tali ġurnaliżmu investigattiv u responsabbli jista' jagħti l-każ li jekk jikkonkorru ċerti ċirkostanzi, ma jkun hemm ebda responsabbilta` għall-malafama anke jekk sussegwentement jirriżulta li xi fatt wieħed jew aktar li jkun ġie ppubblikat kien inveritjer (ara s-sentenza tal-House of Lords tal-11 ta' Ottubru 2006 fl-ismijiet Jameel v. Wall Street Journal Europe SPRL [2006] UKHL 44; [2006] All ER(D) 132 (Oct)).*

**Il-Qorti**,

Wara illi rat l-atti;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza billi:

**Tiċħad** it-talbiet kollha tal-attur.

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni ikunu kollha a karigu tar-rikorrenti.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**